MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24/2016

L-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera C Cassar, S Grech u c-Chairperson M Saliba u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 24.2 Komunikazzjoni minn Bethlehem f'Għajnsielem

- Is-Sindku spjega l-urġenza tal-laqgħa peress li delegazzjoni minn Lanuvio ser tkun fostna bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru. Dawn ser jiġu fuq stedina li kien għamlilhom il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ wara talba li kienet saret mill-Kunsill Lokali Għajnsielem biex fuq livell ta' Reġjun ta' Għawdex Għajnsielem, Għarb, Qala u Iż-Żebbuġ nagħmlu stedina lir-Reġjun ta' Ruma li magħhom għandna ġemellaġġ/patt ta' ħbiberija. Dawn huma Tolfa, San Paolo dei Cavalieri, Canale Monterano u Lanuvio. Dawn ser jiġu ospitati fl-ITS fil-Qala.

- Il-Kunsill qabel illi jorganizza ikla għad-delegazzjoni flimkien mal-membri tal-Kunsill u l-Kumitat ta' Marsalforn is-Sibt, 17 ta' Diċembru f'restorant fix-Xlendi. Din ser issir wara l-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni fil-presepju ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

- Chev C Saliba ssuġġerixxa illi fil-ġurnata tal-Ħadd il-Kunsill jospita\` lid-delegazzjoni fil-lokalita\` u f'nofsinhar jingħataw *lunch* f'Marsalforn. Il-Kunsill qabel.

### 24.2.1 Żviluppi dwar żjarat reċiproki (patt ta' ħbiberija) Comune di Lanuvio

- Delegazzjoni mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ ġiet mistiedna biex takkumpanja l-miġja tal-maġi fl-Italja organizzata mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u ma' Bethlehem f'Għajnsielem. Waqt din l-attivita\` ser issir żjara fl-erba' lokalitajiet f'Ruma li huma ġemellati jew għandhom patt ta' ħbiberija reċiproka ma' Kunsilli Għawdxin. Il-perjodu ta' din iż-żjara ser ikun mit-3 sas-6 ta' Jannar 2017. Is-Sindku fetaħ din l-opportunita\` għall-membri kollha tal-Kunsill. Chev C Saliba

kkonferma li ser jattendi waqt li l-membri l-oħra għandhom jagħtu risposta lill-Kunsill mill-aktar fis possibli biex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

## 24.3 Tmiem tal-laqgħa

24.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00p.m.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |